MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 360/2006

**Brands International Limited ( C 11755)**

**Vs**

**Joseph Fabri ezercenti l-kummerc bl-isem 'FabWoodworks'**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tmien mija u dsatax-il lira maltija (Lm2,819) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut li baqghet ma thallsitx.

Bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smigh, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju

prezentati kontestwalment ma’ l-Avviz tas-Smigh kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta’ April, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------